# Kunsill Lokali Gżira

16 ta' Awwissu 2022

**Ref Nru. 47/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 47/2022 li saret it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficju tal-Kunsill fil-5.30pm.

**Preżenti**

Sitt membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Kunsilliera Neville Chetcuti, Alex Zammit, Shaun Farrugia, Jessica Borg u Hugh Caruana, flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Il-Vici Sindku R.Mangion u l-Kunsillier I.Buhagiar ġew skuzati

**Assenti**

Il-Kunsillier J.Cardona kien assenti mil-laqgħa.

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareg fl- 29 ta' Lulju 2022

**47.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

47.1.1 L-apoloġija ġew moqrija.

**47.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret il- 26 ta’ Lulju 2022 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

47.2.2 Paġna Nru.2 para 46.2.2 – Ħsara fil-Lift – L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li l-ħsara mekkanika tranġat pero peres li hemm xi dwal mhumiex jaħdmu, il-lift għadu mhux sigur sabiex jintuza. Is-Service provider għandu jiġi fi żmien ġimgħa sabiex jieħu ħsieb id-dwal.

47.2.3 Paġna Nru.2 para 46.2.4 – Community Police – Il-Laqgha mal-Community Police saret, fejn is-segretarja ikkonfermat li għandha issir laqgha oħra sabiex jiġu diskussi iktar dettalji. Il-Kunsillier S.Farrugia issuggerixxa li isssir ukoll laqgha mar-residenti, fejn din il-laqgħa ghanda issir fis-sala tal-kapillan.

47.2.4 Paġna Nru.3 para 46.2.10 – Public Convenience – Is-sindku ikkonferma li x-xogħlijiet fil-public convenience tlestew. Bħal issa qed issir it-tfiċċija ghal-attendents u la darba titlesta tkun tista tinfetah.

47.2.5 Paġna Nru.3 para 46.2.11 – Progett Manoel De Vilhena – Is-Sindku ta’ aġġornament rigward dan il-progett, fejn il-xogħol miexi kif suppost.

47.2.6 Paġna Nru.3 para 46.2.13 – Għamara tal-Board Room – Fuq mistqsij S.Farrugia, l-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li ġiet ordna u kif il-kunsill kien innotifika ser tasal għal-Settembru.

47.2.7 Paġna Nru.4 para 46.3.2 – Petizzjoni Petrol Station – Is-sindku wera id-dizappunt li kien hemm ammont ta nies li qalu li l-petizzjoni ma ircevewiex. Sabiex tasal ghand iktar nies, il-petizzjoni intefghat online ukoll u ġiet ibbustjata fuq Facebook.

47.2.8 Paġna Nru.5 para 46.7.1 – Pagament Happy Parenting – Is-sinku qal li l-aħħar kontijiet gew għojin għal fatt li l-lectures qed jaghmilhom psikologu u qed jaghmel xoghol ta’ assistenza ukoll f’kas ta’ bzoon. Huwa issuggerixxa li dawn il-pagamenti jitħalsu u il-lectures ta nofs siegħa jibdew jixxandru onlajn. Pero is-seduta ta’ assistenza ma ghandiex tixxandar.

47.2.9 Paġna Nru.5 para 46.7.4 – Kuntratt Melita – L-Agent Segretarju Ezekuttiv innota lil kunsill li kuntrarju ta' dak li intqal fil-laqgha li ghaddiex, l-intervent mingħand Fabian dwar il-kuntratt tal-melita sar waqt il -laqgha No36 li saret fis-sebgha ta' Settembru 2021. Dan l-intervent gie imniezzel fil-minuti u fejn erbgha kunsilliera kienu skuzati u ma attendewx il-laqgħa.

47.2.10 Paġna Nru.6 para 46.6.5 – Il-Kunsilliera J.Borg staqsiet update dwar is-sejħa għal Segretarju Ezekuttiv, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv infumat lil kunsill li għad ma hemmx tibdil u fejn 13 il-kunsill ieħor qiegħed fl-istess sitwazzjoni.

47.2.11 Il-Kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 46 jiġu approvati. Il-Kunsillier A.Zammit Calleja ssekondaħ.

## 47.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

47.3.1 Festin għal-kappillan – Il- Festin ikkonfermat għal nhar il-erbgħa 10 ta' Awwissu fis-sebgħa ta fil-għaxija.

47.3.2 Avveniment fil-Ġnien – Is-Sindku infurma lil kunsill li għaqda reliġjuza triq taghmel avveniment fil-ġnien fit-12 ta Awwissu 2022. Il-Kunsill ġiet mitlub l-approvazzjoni tiegħu u din ġiet accettata unanimament.

47.3.3 Intervent ta' Fabian Borg – Progetti Unjoni Europea – Fabian ta' spjegazzjoni ta' kif dawn il-progetti qed jinghataw lil-Kunsill Lokali Gzira u fejn f'istadju ta' applikazzjoni il-kunsill jitlob budget sabiex ikun jista jseħħ il-progett propost per inter. La darba il-progett jiġi approvat, tali budget jigi approvat mieghu. Fabian enfasizza li l-kunsill tal-Gzira huwa l-unika kunsill li applika u ha projett tal-Horizon 2020. Tant hu hekk li l-unjoni europea qed tkompli theġġeġ li kunsill sabiex japplika ghal-progetti oħra. Għal dan il-għan il-kunsill ifforma unit spejalizzat, li qed jaħdem fuq tliet progetti oħra fosthom progett fuq skala reġjonali. Hu kompla billi ta' iktar informazzjoni u aġġornamenti fuq il-progetti prezenti: Just Nature, Varcities u Go Green Routes. Il-Kunsilliera ingħataw l-opportuni jsaqsu mistoqsijiet ta' kjarifika.

47.3.4 Damages Report - Is-Sindku semmha li daħal rapport li persuan partikolari daħal fi triq Carlo Manche waqt li t-triq kienet ghaddejja bix-xogħlijiet. Il-Kunsill irraguna li it-tort kien tiegħu u b'hekk il-kunsill iddecieda li ma jħallas l-ispejjez tad-danni.

47.3.5 Twaqqif ta' Permessi – Bħal kull sena il-kunsill approva li għal gimgħa ta' Santa Marija ma jingħatwx permessi sakemm ma jkun permess ta lifter hal-użu domestiku u sitwazzjonijiet simili.

47.3.6 Ktieb Carlo Manche – Is-Sindku ta' aġġornament fuq dan il-ktieb, fejn ġie deciz li jiġu ipprintajti 500 koppja. L-Ispiza hija ta' ħames telef euro fejn il-kunsill qabel li jħallas nofshom.

47.3.7 Roundabout fix-Xatt – Il-Kunsill rega ikkonferma id-deżizjoni tieghu li jopponi dan l-izvilup.

47.3.8 Soft Areas – Is-sindku semmgha li iddiskuta il-possibilta li jsir regation system fil-gnien sabiex jissaqqu is-sigar kollha. Is-Sindku qed jistenna kwotazzjoni sabiex fuqa tinħareg il-call for quotes skond il-proceduri tal-kunsill.

47.3.9 L-Avveniment ta' Settembru – Is-Sindku għamilha ċara li l-quotes għal dan l-avveniment għandhom isiru biss mil-amministrazzjoni. Għaldqastant il-kwotazzjonijiet li harġu ghandhom jerġaw jinħargu mil-gdid u jintefaw fuq Facebook.

**47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

47.4.1 Booklet tal-Kunsill - Fuq mistoqsija tal-kunsillier A. Calleja Zammit, is-Sindku qal li dan is-sugget gie diskuss fi tlieta laqgħat separarti: No. Huwa qal li fuq decizzjoni tal-kunsill u imnizzla fil-minuti tal-laqghat imsemmija, il-kunsill qabel li l-booklet inkun fiħ informazzjoni fuq l-operatt tal-kunsill u affarijiet oħra li qed isiru. Kompla jgħid id-deċizzjoni kienet li joħrog erbgħa darbiet fis-sena u jiġi amministrat mis-Sindku stess flimkien mal- Viċi Sindku R. Mangion u il-kunsillier H.Caruana. Il-Kunsilliera għal darba, darbtejn ġwe inheġġa jaghtu il-kontribut tagħhom skont id-dekasteri.

**47.5 Rapporti**

47.5.1 Il-Kunsill ma iddiskuta l-ebda rapport.

**47.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

47.6.1 Il-Kunsillier H.Caruana qajjem il-problema ta użu ta' parkegg abbuziv minn tal-muturi.

47.6.2 Il-Kunsillier S.Farrugia qajjem id-diskussjoni fuq permess ta' tliet xhur li l-kunsill ta' fuq no parkings. Skont il-kunsillier dan il-progett tlesta, ghaaldaqstant is-sindku ser ippropona li fix-xaikellem lil perit tahom sabiex jkun cert li ma hemmx periklu u jitneħħew.

**47.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

47.7.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija fuq il-pagamenti jew diskussjoniet oħra

47.7. Il-Kunsillier S. Farrugia ippropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il- Kunsillier N.Chetcuti ssekonda.

**47.8 Mozzjonijiet**

47.8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**47.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

47.9.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 7.30pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 26 ta' Lulju 2022.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Claire Goodlip
Aġent. Segretarju Eżekuttiv